MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2015

Avviz Numru. 187/2015

**Fl-atti tal-Kontro-Mandat numru 1417/2015, wara Mandat ta' Sekwestru numru 757/2003 mahrug fit-8 t'April, 2003 fl-ismijiet:**

**Pauline Cilia**

**Vs**

**Martin Seychell**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Martin Seychell fejn talab il-hrug tal-kontro-mandat ghal-mandat ta' s-sekwestru ezekuttiv fuq imsemmi, ghar-raguni li fl-ewwel lok dan il-mandat m'ghadux in vigore peress li ghaddew aktar minn tnax-il sena u ukoll qatt ma kien gie prorograt kif mitlub mill-Ligi.

Illi m'ghadx hemm titolu ezekuttiv u inoltre l-ammont kien thallas izda wara dan iz-zmien kollu l-esponent m'ghadx ghandu ricevuta.

Rat ir-risposta tal-intimata Pauline Cilia fejn informat lil din il-Qorti illi l-ammont mitlub fil-mandat originali ghadu dovut fl-intier tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent kellu diffikulta sabiex jinnotifika lill-intimata, izda l-intimata dehret flimkien mal-avukat difensur taghha fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2015, u tat ruhha notifikata bir-rikors promotur.

Fl-istess seduta tal-20 ta' Lulju 2015, li fiha kienu prezenti l-partijiet u l-avukati difensuri taghhom, is-seduta giet differita ghal-lum jew *"biex il-kawza* (recte rikors) *tigi ceduta, jew jekk il-partijiet ma jkunux lahqu transazzjoni, ghal provi kollha tal-partijiet."*

Fis-seduta tal-lum deher biss ir-rikorrent assistit mill-avukat difensur tieghu. L-intimata u l-avukat difensur taghha imsejhin tlett darbiet ma dehrux.

Il-Qorti semghet ix-xhieda tar-rikorrent Martin Seychell, li xehed li snin ilu hu hallas l-ammont kollu indikat fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, u peress li ghaddew is-snin ma kienx zamm ircevuti.

L-intimata ma resqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghha fir-risposta li l-ammont mitlub fil-mandat orginali kien ghadu kollu dovut, minkejja li r-rikors kien differit ghall-lum ghal provi kollha tal-partijiet.

Il-Qorti tosserva li t-titolu ezekuttiv li abbazi tieghu inhareg il-mandat hija sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-2 ta' Novembru 2001, u l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni inhareg fis-7 ta' April 2003. Mhux verosimili, li l-intimata halliet dan it-trapass ta' zmien kollu jghaddi, minghajr ma taghmel xejn biex tesegwixxi s-sentenza fuq imsemmija, kieku l-kreditu tar-rikorrent kien ghadu veru dovut sal-lum.

Fl-ahharnett, il-Qorti tirrileva illi din it-talba ghar-revoka ta' mandat ezekuttiv hija procedura specjali kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jimponi termini stretti li fih din il-Qorti ghandha tiddeciedi dan ir-rikors.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti Martin Seychell, u tordna l-hrug ta' kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru ezekutiv numru 757/03 mahrug fl-ismijiet premessi fit-8 t'April 2003.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------